

Brussell, 3 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11389/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2013/0072 (COD)**

**AVIATION 110
CONSUM 224
CODEC 1372**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 261/2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitlegħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u r-Regolament (KE) Nru 2027/97 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi bl-ajru fir-rigward tat-trasport ta' passiġġieri u l-bagalji tagħhom bl-ajru (it-tielet qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fit-13 ta' Marzu 2013, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta¹ tagħha lill-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 100(2) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-11 ta' Lulju 2013².
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat u ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.
4. Fil-5 ta' Frar 2014, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari³ dwar il-proposta tal-Kummissjoni.
5. Fid-29 ta' Settembru 2025, il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari⁴.

¹ 7615/13 + ADD 1-2.

² ĠU C 327, 12.11.2013, p. 115.

³ 5941/14.

⁴ 10015/1/25 REV 1 + ADD 1.

6. Fil-21 ta' Jannar 2026, il-Parlament Ewropew adotta 243 emenda⁵ għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari. Dawn l-emendi ntbagħtu lill-Kunsill fid-9 ta' Marzu 2026.
7. Fit-12 ta' Marzu 2026, il-Kummissjoni ppreżentat l-opinjoni⁶ tagħha dwar l-emendi tal-Parlament Ewropew, f'konformità mal-Artikolu 294(7)(c) TFUE.
8. Fl-24 ta' Marzu 2026, il-Kunsill iddeċieda li ma japprovax l-emendi tal-Parlament Ewropew għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari. Il-President tal-Kunsill, bi qbil mal-President tal-Parlament Ewropew, sejjaħ laqgħa tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni f'konformità mal-Artikolu 294(8)(b) TFUE.
9. Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni ltaqa' fl-20 ta' April u t-2 ta' Ġunju 2026. Fil-15 ta' Ġunju 2026, il-kopresidenti tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni kkonfermaw lill-President tal-Parlament Ewropew u lill-President tal-Kunsill li l-Kumitat approva test konġunt.
10. Fis-7 ta' Lulju 2026, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fit-tielet qari.
11. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta r-Regolament f'konformità mat-test konġunt kif jinsab fid-dokument PE-CONS 39/1/26 REV 1 bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss, bi Spanja u l-Latvja jivvutaw kontra u l-Awstrija u l-Finlandja jastjenu, f'konformità mal-Artikolu 294(13) TFUE.
12. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum ta' din in-nota.
13. Jekk l-att leġiżlattiv jiġi adottat, wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁵ 7162/26.

⁶ 7297/26.